

Brussell, 18 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14588/22

SOC 621
EMPL 424
GENDER 182
ECOFIN 1142

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 14036/22	
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri f'ekonomiji mfixkla: fokus fuq il-ġenerazzjoni żagħżugħa - <i>Approvazzjoni</i>

1. Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż abbozz ta' sett ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-ugwaljanza bejn il-Ġeneri f'ekonomiji mfixkla: fokus fuq il-ġenerazzjoni żagħżugħa mħejji mill-Presidenza.
2. Il-Konklużjonijiet huma bbażati fuq dokument ta' sintesi mħejji mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), intitolat "Young women and men in the aftermath of the COVID-19 pandemic," (Nisa u rġiel żgħażaġħ wara l-pandemija tal-COVID-19,) li jinsab fl-Addendum 1 għal dan id-dokument.
3. L-abbozz ta' Konklużjonijiet ġie diskuss f' tliet laqgħat¹ tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali. Wara konsultazzjoni informali bil-miktub,² il-Grupp ta' Ħidma laħaq qbil dwar il-Konklużjonijiet kif jinsabu fl-Anness għal dan id-dokument³.

¹ 10 ta' Ottubru, 28 ta' Ottubru u 10 ta' Novembru 2022

² Ara d-dokument WK 15495/22.

³ Il-paragrafi ġew innumerati mill-ġdid b'mod sekwenzjali.

4. Il-Kumitat huwa mistieden

- jieħu nota tad-dokument ta' sintesi tal-EIGE, kif jinsab fl-Addendum 1 għal dan id-dokument;
 - jikkonferma l-qbil li ntlaħaq dwar l-abbozz ta' Konklużjonijiet kif jinsab fl-Anness; u
 - jibgħat l-abbozz ta' Konklużjonijiet meħmuż lil-laqgħa tal-Kunsill (EPSCO) fit-8 ta' Diċembru 2022 għall-approvazzjoni.
-

L-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'ekonomiji mfixkla: fokus fuq il-ġenerazzjoni żagħżugħa**Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill****FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI**

1. L-Ewropa qed tiffaċċa żminijiet ta' taqlib. Mill-2019 'l hawn, meta l-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar "Ekonomiji li Jiffavorixxu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-UE: It-Triq 'il Quddiem", feġġew jew ġew aggravati sfidi soċjoekonomiċi kbar bħala konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, flimkien ma' inflazzjoni għolja li twassal għal żieda fl-għoli tal-ħajja, faqar enerġetiku akbar kkawżat minn żieda fl-ispejjeż tal-fjuwil, kriżi tal-akkomodazzjoni, u nixfiet, nirien fil-foresti u għargħar severi li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima. Kull waħda minn dawn il-problemi ser tkompli jkollha impatt negattiv sinifikanti fuq il-ħajja tan-nies fl-Ewropa, b'mod partikolari ż-żgħażaġh u l-ġenerazzjonijiet futuri. Dawn l-isfidi kollha għandhom dimensjoni ċara tal-ġeneru.
2. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-bniedem huma fil-qalba tal-valuri Ewropej. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea, imnaqqax fit-Trattati u rikonoxxut fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li għandu jiġi osservat mill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jipprevjenu, jindirizzaw u jimmonitorjaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, inkluż fir-rigward tad-distribuzzjoni tar-riskji u tal-benefiċċji li jirriżultaw minn żviluppi soċjali u ekonomiċi wesgħin.

3. Is-sena 2022 hija s-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ, u f'dan il-kuntest, f'Ottubru 2022 ġiet organizzata l-konferenza "The Europe of Tomorrow: Gender Equality and the Economy" ("L-Ewropa ta' Għada: L-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Ekonomija"), sabiex toffri spazju fejn iċ-ċittadini, speċjalment iż-żgħażaġh, jistgħu jiddibattu l-futur tal-Ewropa u jipprovdu kontribut għall-politiki futuri tal-UE. L-iżgurar li l-ilħna taż-żgħażaġh jinstemgħu u l-appoġġ għall-parteċipazzjoni ugwali tagħhom fil-proċessi politiċi u ta' politika f'konformità mal-oġettivi rilevanti kollha tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ rilevanti huma kruċjali għall-avvanz tal-Unjoni tal-Ugwaljanza u għall-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi bejn il-ġeneri aggravati mill-iżviluppi soċjoekonomiċi attwali.

FILWAQT LI JIEĦU NOTA TA'

4. L-istudju tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) bit-titolu "Gender equality and the socio-economic impact of the COVID-19 pandemic" (L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19), ippubblikat fis-26 ta' Mejju 2021.
5. Id-dokument ta' sintesi mill-EIGE bit-titolu "Young women and men in the aftermath of the COVID-19 pandemic" (Nisa u rġiel żgħażaġh wara l-pandemija tal-COVID-19), ippubblikat fl-4 ta' Ottubru 2022.
6. L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) dwar l-Ugwaljanza bejn il-ġeneri adottata fit-13 ta' Lulju 2022.
7. Ir-Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-UE tat-tfal u ż-żgħażaġh li qed jaħarbu l-gwerra fl-Ukrajna.
8. Ir-Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2022 dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażaġh Ewropej: l-impjiegi u l-irkupru soċjali wara l-pandemija.

9. Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2021 dwar l-aċċess għal akkomodazzjoni deċenti u affordabbli għal kulħadd.
10. L-eżitu tal-Konferenza ta' Livell Għoli "The Europe of Tomorrow: Gender Equality and the Economy" (L-Ewropa ta' Għada: L-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Ekonomija) li saret fi Praga fit-3 u l-4 ta' Ottubru 2022, fejn ġiet enfasizzata l-ħtieġa li tiġi salvagwardjata u promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kuntest tar-realtajiet l-ġodda bħall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-kriżi tal-akkomodazzjoni u l-faqar enerġetiku, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi li ż-żgħażaġh jiffaċċaw illum, bil-ħsieb li tinkiseb Unjoni ta' Ugwaljanza fil-futur.
11. L-eżitu tal-Konferenza ta' Livell Għoli "Tackling energy poverty: EU approach & sharing best practices" (L-indirizzar tal-faqar enerġetiku: L-approċċ tal-UE u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki) li saret fi Praga fl-24 ta' Ottubru 2022, fejn ġiet enfasizzata l-importanza li tiġi indirizzata s-sitwazzjoni vulnerabbli tan-nisa, prinċipalment l-ommijiet waħedhom u n-nisa anzjani, fir-rigward tal-faqar enerġetiku.

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA LI

12. Filwaqt li l-irkupru ekonomiku mill-pandemija beda, dan għadu mhux komplut. Ir-restrizzjonijiet introdotti biex titrażżan il-pandemija fir-rebbiegħa tal-2020 u wara kkawżaw tnaqqis fl-attività ekonomika. It-triq lejn l-irkupru li twittiet fis-sajf tal-istess sena ġiet ostakolata minn diversi fatturi, inkluż iż-żieda fil-prezz ta' għadd kbir ta' komoditajiet, tfixkil fil-ktajjen tal-provvista globali, pressjonijiet inflazzjonarji, u mewġiet ġodda tal-COVID-19 li rriżultaw fl-introduzzjoni mill-ġdid ta' restrizzjonijiet f'ħafna pajjiżi.

13. Il-pandemija tat bidu għal dibattitu dwar kif jiġi żgurat irkupru reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru. F'dan il-kuntest, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ppreżentat opportunità unika biex ir-riżorsi straordinarji jiġu diretti lejn miżuri li jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Madankollu, din l-opportunità mhux dejjem ittieħdet b'mod suffiċjenti peress li l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri spiss ma tkunx riflessa biżżejjed fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u f'tit li xejn ittieħdu miżuri biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa. Il-kompitu li jiġi żgurat irkupru reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru issa huwa saħansitra aktar urġenti minħabba l-isfidi soċjoekonomiċi addizzjonali li tfaċċaw.
14. In-nisa u l-irġiel żgħażaġħ huma partikolarment vulnerabbli għall-konsegwenzi ekonomiċi tal-kriżi tal-COVID-19. Peress li ż-żgħażaġħ spiss jaħdmu f'pożizzjonijiet temporanji u part-time jew f'setturi intensivi fil-kuntatt, kien aktar probabbli li jesperjenzaw sensji jew tnaqqis fil-ħin tax-xogħol. Barra minn hekk, iż-żgħażaġħ spiss jagħmlu traineeships mingħajr ħlas. Filwaqt li f'ħafna Stati Membri l-irġiel żgħażaġħ issa qed jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol b'mod kostanti, in-nisa żgħażaġħ qed jesperjenzaw qgħad li jdum aktar⁴. L-isfidi attwali jitfgħu pressjoni addizzjonali fuq in-nisa u l-irġiel żgħażaġħ u jkomplu jsaħħu r-riskju li l-ġenerazzjoni żagħżugħa tal-lum tispiċċa finanzjarjament agħar minn dawk preċedenti.

⁴ EIGE (2022) Young women and men in the aftermath of the COVID-19 pandemic. (Nisa u rġiel żgħażaġħ wara l-pandemija tal-COVID-19.) Dokument ta' sintesi.

15. Filwaqt li n-nisa kienu rrappreżentati żżejjed f'setturi inqas affettwati mit-telf ta' impjiegi matul il-pandemija, bħall-edukazzjoni u s-saħħa, huma esperjenzaw tnaqqis ogħla mill-irġiel b'mod ġenerali fl-għadd totali ta' sigħat reali maħduma⁵. Barra minn hekk, matul il-pandemija, meta mqabbla mas-sitwazzjoni ta' qabel, inqas nisa rrapportaw kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet ta' kura mas-sħab tagħhom u aktar irrappurtaw li kellhom jerfġu l-biċċa l-kbira tax-xogħol ta' kura mhux imħallas. Għalhekk il-pandemija aggravat l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri billi pperpetwat ir-rwoli tradizzjonali tal-ġeneru fl-isfera privata, fejn in-nisa żgħażaġh mhux biss iġorru l-maġġoranza tal-indukrar tat-tfal u tax-xogħol tad-dar iżda wkoll il-kompiti tal-edukazzjoni skolastika mid-dar. It-tqattigħ ta' aktar ħin fuq id-dmirijiet ta' kura għad-detriment tal-opportunitajiet ta' xogħol imħallas u l-ħin liberu kellu effetti negattivi sinifikanti fuq il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tan-nisa, is-saħħa mentali u l-benesseri ġenerali u l-indipendenza ekonomika tagħhom. Dan kien partikolarment il-każ għan-nisa bi tfal żgħar.

⁵ EIGE (2022) Young women and men in the aftermath of the COVID-19 pandemic. (Nisa u rġiel żgħażaġh wara l-pandemija tal-COVID-19.) Dokument ta' sintesi.

16. Minħabba l-pandemija tal-COVID-19 ħafna Ewropej kellhom jaġġustaw id-drawwiet tax-xogħol tagħhom u jħaddnu d-dinja online billi adattaw għall-prattiki tat-telexogħol. Kien hemm ukoll użu akbar ta' forom flessibbli ta' xogħol, bħal sığhat tax-xogħol mhux standard. Bosta nies kellhom jikkombinaw ix-xogħol mid-dar mal-kura tal-membri tal-familja tagħhom. In-nisa tgħabbew bil-piż żejjed tal-adattament tal-mudelli tax-xogħol tagħhom filwaqt li fl-istess ħin kellhom jaqdu r-rwol ta' indoktruri addizzjonali, ħaġa li aggravat l-inugwaljanzi eżistenti. Matul il-perjodi ta' lockdown, l-ommijiet irrappurtaw li ġew interrotti fix-xogħol 50 % aktar spiss mill-missirijiet⁶. Għal familji foqra u ekonomikament emarġinati, il-pandemija affettwat b'mod negattiv kemm il-possibbiltajiet ta' impjieg kif ukoll l-aċċess għall-edukazzjoni għat-tfal. Il-kontinwazzjoni u l-adozzjoni ulterjuri tat-telexogħol u x-xogħol ibridu fl-Ewropa ta' wara l-pandemija ser jiddependu fuq firxa wiesgħa ta' fatturi, inkluż l-effett tagħhom fuq il-produttività, l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Madankollu, jekk wieħed jassumi li t-telexogħol ser jibqa' magħna, l-isfidi l-ġodda li jġib miegħu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri jridu jiġu indirizzati b'mod urġenti u jeħtieġ li jiġi żgurat id-dritt tal-ħaddiema li jiskonnettjaw u joqogħdu lura milli jidħlu f'komunikazzjonijiet elettroniċi relatati max-xogħol barra l-ħinijiet tax-xogħol. Għandu jiġi evitat li t-telexogħol isir alternattiva għax-xogħol tal-uffiċċju għan-nisa biss, u b'hekk jissaħħu l-isterjotipi u l-prattiki diskriminatorji. Min-naħa l-oħra, jekk jintuża kif suppost, it-telexogħol jista' jiffaċilita d-distribuzzjoni ugwali tax-xogħol imħallas u x-xogħol ta' kura bla ħlas bejn in-nisa u l-irġiel. Barra minn hekk, l-aċċess ugwali għall-konnettività u t-teknoloġiji diġitali jista' jgħin biex jitnaqqas id-distakk fil-ħiliet diġitali. Huwa importanti wkoll li jiġu skambjati Prattiki tajbin fil-qasam tal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kuntest tat-telexogħol.

⁶ EIGE (2021) "Gender Equality and the socio-economic impact of the COVID-19 pandemic" (L-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Konsegwenzi Soċjoekonomiċi tal-kriżi tal-COVID-19).

17. Waqt li jaħdmu mid-dar, in-nisa jistgħu jkunu aktar esposti għall-vjolenza domestika u forom oħra ta' vjolenza fuq il-post tax-xogħol, inkluż vjolenza abbażi tal-ġeneru, fastidju u abbuż online. Tali riskji akbar ta' vjolenza assoċjati mat-telexogħol jeħtieġ li jiġu indirizzati wkoll.
18. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kkawżat kriżi umanitarja li qed teskala fl-Ewropa b'aktar minn 7.4 miljun persuna li ħarbu mill-Ukrajna⁷ u 7 miljun persuna oħra spostata internament fl-Ukrajna⁸. In-nisa u t-tfal jikkostitwixxu 90 % ta' dawk li qed jaħarbu mill-kriżi⁹.
19. Anke wara li ngħataw protezzjoni temporanja fl-UE, ħafna minn dawk li ħarbu mill-Ukrajna, b'mod partikolari n-nisa u l-bniet Ukreni, għadhom jiffaċċaw bosta ostakli differenti, inkluż nuqqas ta' akkomodazzjoni, aċċess limitat għat-taħriġ u l-korsijiet tal-lingwa, diffikultajiet biex jidħlu fis-swieq tax-xogħol, nuqqas ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal (ECEC), u aċċess insuffiċjenti għall-kura tas-saħħa. Barra minn hekk, in-nisa u l-bniet żgħażaġh, b'mod partikolari, huma vulnerabbli għal vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru u t-traffikar tal-bnedmin. Huwa meħtieġ li terġa' tinkiseb l-istabbiltà fil-ħajja ta' dawk li telqu mill-Ukrajna, inkluż billi jiġu żgurati impjieġ ġust għall-adulti u kura u edukazzjoni ta' kwalità għaż-żgħażaġh u t-tfal, inkluż l-ECEC, kif ukoll l-aċċess għall-kultura, u billi tiġi pprovduta protezzjoni kontra l-isfruttament, it-traffikar u l-vjolenza. Din il-protezzjoni hija partikolarment importanti għan-nisa u t-tfal Ukreni li jinżammu f'forom differenti ta' akkomodazzjoni temporanja fejn il-vulnerabbiltà tagħhom tista' tiġi sfruttata.

⁷ United Nations (2022) Operational Data Portal / Ukraine Refugee Situation (Il-portal tad-Data Operazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti (2022) / Is-sitwazzjoni tar-refuġjati fl-Ukrajna)

⁸ United Nations (2022) UNHCR / Ukraine: Internally Displaced Persons (IDP) (Nazzjonijiet Uniti (2022) UNHCR / l-Ukrajna: Persuni Spostati f'Pajjiżhom (IDP))

⁹ United Nations (2022) UNHCR / Ukraine Emergency (Nazzjonijiet Uniti (2022) UNHCR / Emerġenza tal-Ukrajna)

20. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna xeħtet dell ikrah fuq il-perspettiva ekonomika, u waqqfet l-irkupru fraġli li kien qed isir. Iż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi, li żżid mal-pressjonijiet inflazzjonarji u trażżan id-dħul u l-infiq, qed tpoġġi pressjoni kbira fuq l-għajxien tan-nies fl-Unjoni Ewropea kollha. Barra minn hekk, il-wasla ta' miljuni ta' persuni spostati mill-Ukrajna, il-bieċa l-kbira minnhom nisa u tfal, toħloq sfida addizzjonali għall-ekonomiji Ewropej, li diġà jinsabu taħt pressjoni minħabba l-avvenimenti reċenti.
21. Is-sitwazzjoni ekonomika attwali fl-Ewropa taffettwa lill-irġiel u lin-nisa b'mod differenti minħabba l-inugwaljanzi strutturali bejn il-ġeneri li kienu diġà jeżistu. In-nisa żgħażaġħ huma kważi darbtejn aktar probabbli mill-irġiel żgħażaġħ li jqattgħu aktar minn erba' sigħat kuljum fuq dmirijiet u kompiti marbuta mal-indukrar tat-tfal¹⁰. L-inugwaljanza fil-qasam tax-xogħol ta' kura mhux imħallas mhix biss imsaħħa mill-istereotipi tal-ġeneri u xi drabi l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC) inadegwati u l-politiki dwar il-leave, iżda wkoll mill-fatt li bħala medja n-nisa jaqilgħu inqas mill-irġiel, ħaġa li thegġegħ lill-familji jipperpetwaw il-mudell fejn ir-raġel huwa l-persuna li taqla' l-għajxien prinċipali u l-mara hija l-persuna ewlenija li tieħu ħsieb id-dar. Bħala konsegwenza tal-fatt li għandhom sehem akbar tad-dmirijiet ta' kura, bosta nisa żgħażaġħ jew jibqgħu barra mis-suq tax-xogħol wara li jtemmu l-edukazzjoni tagħhom jew jinterrompu l-karrieri tagħhom fi stadju bikri. Huwa wkoll aktar probabbli li n-nisa jaħdmu part-time jew b'kuntratti flessibbli jew mhux tipiċi mill-irġiel. Il-fatt li n-nisa jwettqu sehem sproporzjonat ta' xogħol ta' kura mhux imħallas huwa kawża ewlenija tal-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fil-pagi u fil-pensjonijiet kif ukoll tar-riskju ogħla ta' faqar jew esklużjoni soċjali għan-nisa.

¹⁰ EIGE (2022) Young women and men in the aftermath of the COVID-19 pandemic. (Nisa u rġiel żgħażaġħ wara l-pandemija tal-COVID-19.) Dokument ta' sintesi.

22. L-Ewropa qed tiffaċċa kriżi tal-akkomodazzjoni. Sa minn qabel il-pandemija tal-COVID-19, l-ispejjeż relatati mal-akkomodazzjoni diġà kienu qed jiżdiedu b'mod sinifikanti. Matul il-perjodu mill-2010 sal-ewwel tliet xhur tal-2022, il-kirjiet żdiedu bi 17 % u l-prezzijiet tad-djar b'45 % fl-UE¹¹. L-ispejjeż ogħla tal-akkomodazzjoni, speċjalment ta' unitajiet żgħar ta' akkomodazzjoni, kellhom effett partikolarment negattiv fuq il-ġenerazzjoni żagħżuġha. Minħabba nuqqas ta' tfaddil u introjtu baxx, iż-żgħażaġħ ma jistgħux jinvestu fil-proprjetajiet tagħhom stess li jipprovdu stabbiltà għall-futur, finanzjarjament, fiżikament u emozzjonalment. Ħafna żgħażaġħ jinġibdu lejn is-suq tax-xogħol fi bliet kbar u għalhekk jiddependu ħafna fuq l-aċċess għas-suq tal-kiri u fuq il-mobbiltà. Minħabba ż-żieda fl-ispejjeż tal-akkomodazzjoni, bosta żgħażaġħ ikomplu jgħixu mal-familji tagħhom¹² jew huma obbligati jaqsmu appartamenti għal aktar żmien milli jixtiequ, u spiss jiffaċċaw kundizzjonijiet iffullati żżejjed. In-nisa żgħażaġħ, b'mod partikolari familji b'ġenitur wieħed u nisa ta' orijini barranija inkluż nisa spostati mill-Ukrajna, jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjonijiet partikolarment vulnerabbli parzjalment ukoll minħabba li jistgħu jiffaċċaw forum speċifiċi ta' diskriminazzjoni u abbuż fil-kuntest tal-aċċess għall-akkomodazzjoni.

¹¹ Eurostat (2021) "One in five people in the EU at risk of poverty or social exclusion" (Wieħed minn kull ħames persuni fl-UE f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali)

¹² Fl-2019, id-dar tal-familja kienet l-għażla ewlenija ta' akkomodazzjoni għal 80 % taż-żgħażaġħ ta' bejn it-18 u l-24 sena.

23. L-inflazzjoni għolja, il-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kollha kkontribwew għal żieda fl-għoli tal-ħajja, inkluż il-prezz tal-oġġetti u s-servizzi, l-enerġija u l-akkomodazzjoni. Id-dipendenza tal-Ewropa fuq il-gass naturali Russu u l-provvista mnaqqsa tiegħu żiedu b'mod sinifikanti l-prezz tal-enerġija, u dan wassal biex l-individwi vulnerabbli tħallew jibqgħu lura. Diġà fl-2020, 8 % tal-popolazzjoni tal-UE ma setgħux iżommu darhom sħuna b'mod adegwat¹³. Il-faqar enerġetiku jirriżulta minn taħlita ta' introjtu baxx, prezzijiet għoljin tal-enerġija, u effiċjenza enerġetika fqira, speċjalment tal-bini, u jaffettwa lin-nisa aktar mill-irġiel. Minħabba l-inugwaljanzi fl-introjtu, in-nisa għandhom inqas introjtu disponibbli biex jonfqu fuq kostijiet għoljin tal-enerġija, u ħafna minnhom jgħixu f'akkomodazzjoni b'iżolament baxx u effiċjenza enerġetika baxxa. Il-kost tal-enerġija huwa sfida partikolari għan-nisa fl-età tal-pensjoni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'persuna waħda. Barra minn hekk, in-nisa għandhom xejriet differenti tal-konsum tal-enerġija meta mqabbla mal-irġiel¹⁴. In-nisa anzjani u n-nisa qiegħda għandhom it-tendenza li jqattgħu aktar ħin id-dar, li għandu wkoll impatt fuq il-konsum tal-enerġija tagħhom. Fl-aħħar nett, in-nisa huma aktar konxji dwar il-konsum żejjed u huma aktar lesti li jibdlu x-xejriet tal-konsum tagħhom fi żminijiet ta' kriżi. Madankollu, għadhom sottorappreżentati fis-settur tal-enerġija u fl-edukazzjoni u r-riċerka relatati mal-enerġija, li jżommhom milli jipparteċipaw fit-teħid tad-deċiżjonijiet f'dan il-qasam.

¹³ Il-Kummissjoni Ewropea (2022), "Energy poverty in the EU" (Il-faqar enerġetiku fl-UE)

¹⁴ Il-Parlament Ewropew (2019), "Women, Gender Equality and the Energy Transition in the EU: Study Requested by the FEMM Committee" (In-Nisa, l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u t-Tranzizzjoni tal-Enerġija fl-UE: Studju Mitlub mill-Kumitat FEMM)

Il-Parlament Ewropew (2017), "Gender Perspective on Access to Energy in the EU: Study for the FEMM Committee" (Perspettiva tal-Ġeneru dwar l-Aċċess għall-Enerġija fl-UE: Studju għall-Kumitat FEMM)

24. Filwaqt li l-faqar jew l-esklużjoni soċjali huwa fenomenu mifrux¹⁵, dan huwa ffemminizzat ħafna, u n-nisa huma affettwati aktar mill-irġiel. Barra minn hekk, filwaqt li sehem importanti ta' familji b'ġenitur wieħed jinsabu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, in-nisa jirrappreżentaw kważi 85 % tal-familji kollha b'ġenitur wieħed fl-UE¹⁶. Madwar l-UE, in-nisa u l-irġiel żgħażaġh kienu partikolarment vulnerabbli għall-konsegwenzi ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19, fejn iż-żgħażaġh nisa jiffaċċaw riskju ogħla mill-irġiel żgħażaġh ta' faqar jew esklużjoni soċjali u ta' privazzjoni materjali¹⁷. Barra minn hekk, in-nisa żgħażaġh jiffaċċaw ostakli u stereotipi bbażati fuq il-ġeneru meta jidħlu u jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol, li mhijiex biss problema immedjata iżda għandha wkoll konsegwenzi fit-tul, li jkabbru d-differenzi bejn il-ġeneri fil-pagi u l-pensjonijiet u jillimitaw l-opportunitajiet tan-nisa matul haġġithom.
25. Fid-dawl tal-impatti dejjem akbar tat-tibdil fil-klima, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u d-dipendenza tal-Ewropa fuq il-gass naturali Russu u l-provvista mnaqqsa tiegħu, il-kompitu li titwettag it-tranżizzjoni ekoloġika sar aktar urġenti minn qatt qabel. Madankollu, mingħajr politiki ta' appoġġ adegwati, it-tranżizzjoni ekoloġika tista' tħalli lil ċerti gruppi, inkluż in-nisa u l-irġiel żgħażaġh, jibqgħu lura. Il-politiki u l-qafas legali għal tranżizzjoni ekoloġika ġusta għandhom jakkomodaw il-ħtiġijiet tal-ġenerazzjoni żagħżuġha u jkunu sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru. L-ilħna żgħażaġh għandhom ukoll jiġu inklużi b'mod sinifikattiv u effettiv fil-proċess tat-tfassil tal-politika fi ħdan l-UE u lil hinn minnha, aktar u aktar minħabba li t-tibdil fil-klima u ż-żieda fl-ispejjeż tal-enerġija huma kwistjoni dinjija u għandhom impatt partikolarment negattiv fuq in-nisa żgħażaġh kif ukoll fuq il-ġenerazzjonijiet futuri. In-nisa u rġiel żgħażaġh jeħtieġ li jiksbu l-ħiliet u l-kompetenzi li ser jippermettulhom jagħtu sehemhom fit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u jaħtfu l-opportunitajiet offruti minnhom.

¹⁵ Fl-2021 wieħed minn kull ħames persuni fl-UE kienu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali. Għal aktar informazzjoni, ara Eurostat (2022), "Living conditions in Europe - poverty and social exclusion" (Il-kundizzjonijiet tal-għajxien fl-Ewropa - il-faqar u l-esklużjoni soċjali)

¹⁶ EIGE (2016), "Poverty, gender and lone parents in the EU" (Il-faqar, il-ġeneru u ġenituri singli fl-UE)

¹⁷ EIGE (2022) Young women and men in the aftermath of the COVID-19 pandemic. A policy brief. (Nisa u rġiel żgħażaġh wara l-pandemija tal-COVID-19. Dokument ta' sintesi). Eurostat (2022) "Material and social deprivation rate by age and sex" (Ir-rata ta' deprivazzjoni materjali u soċjali skont l-età u s-sess)

26. Huwa importanti li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tal-Unjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u ambjentalment sostenibbli sal-2050 tkun ġusta u ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Is-soċjetà ċivili u, b'mod partikolari, iż-żgħażaġh, appellaw għal azzjoni aktar ambizzjuża biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima u biex titqies il-vulnerabbiltà oġhla tal-ġenerazzjoni żaġħżuġha u tan-nisa għall-impatti negattivi li jirriżultaw mill-klima. Għalhekk huwa importanti li jiġu rrispettati u promossi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tiſhih tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha u l-ekwità interġenerazzjonali f'dan il-kuntest. L-investimenti fl-ekonomija ekoloġika, diġitali u dik tal-kura għandhom il-potenzjal li joħolqu impjieġi addizzjonali għaż-żgħażaġh. Madankollu, minħabba l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u l-istereotipi preeżistenti, in-nisa u l-irġiel ma jibbenefikawx b'mod ugwali. Il-gwadanji mill-investment immirat fid-diġitalizzazzjoni u l-ekonomija ekoloġika jistgħu jkunu oġhla għall-irġiel żgħażaġh milli għan-nisa żgħażaġh sakemm ma titteħidx azzjoni determinata biex jiġi żgurat li n-nisa jipparteċipaw bis-sħiħ f'inizjattivi ta' tranżizzjoni ġusta¹⁸. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet tax-xoġhol fis-settur tal-kura spiss huma prekarji u jeħtieġ li jittejbu.

¹⁸ Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xoġhol (2022), "Global Employment Trends for Youth 2022: Europe and Central Asia" (Xeġriet Globali tal-Impjieġ għaż-Żgħażaġħ 2022: l-Ewropa u l-Asja Ċentrali)

27. Il-fatt li r-reazzjonijiet għall-pandemija tal-COVID-19 aċċelleraw it-tranżizzjoni diġitali jippreżenta kemm opportunità kif ukoll sfida għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-futur tax-xogħol ser jara żieda fid-domanda għal professjonisti tat-teknoloġija bħal inġiniera tal-kompjuter u speċjalisti tal-ICT¹⁹. Madankollu, is-segregazzjoni ċara tal-ġeneri għadha tidher fl-edukazzjoni tal-ICT u fl-impjiegi tal-ICT u għandha tiġi indirizzata. Dan id-distakk diġitali jista' jiġi approfondit aktar minħabba l-preġudizzju tal-ġeneru li xi għodod u proċessi tal-intelliġenza artifiċjali spiss jonqsu milli jkunu. Meta jitqies li l-irkupru ta' wara l-pandemija jeħtieġ li jsir f'konformità mat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, il-kompetenzi STEM²⁰ huma mistennija li jkollhom rwol dejjem aktar essenzjali fl-ekonomija futura. L-inkoraġġiment tal-interess tal-bniet fis-suġġetti STEM, l-indirizzar tal-istereotipi tal-ġeneri u t-tkissir tas-saqaf tal-ħġieġ huma kruċjali biex titrawwem l-inklużjoni uguali tan-nisa fis-suq tax-xogħol tal-futur. Barra minn hekk, huma meħtieġa miżuri mmirati, programmi ta' żvilupp u gwida għall-karriera mingħajr stereotipi marbuta mal-ġeneru biex jgħinu biex jiġu attirati l-bniet u n-nisa żgħażaġh għal karrieri relatati mas-STEM u jibqgħu fihom u biex is-subien u l-irġiel jiġu inkoraġġuti jidħlu fis-settur tal-kura, tal-edukazzjoni, tas-saħħa u dak soċjali. Sabiex jiġu miġġielda l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u jingħata aċċess għas-suq tax-xogħol għan-nisa, speċjalment in-nisa żgħażaġh, għandu jkun hemm fokus ukoll biex issir ħidma mal-irġiel fuq kwistjonijiet bħar-rwol tal-irġiel bħala persuni li jindukraw u l-prevenzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru.
28. In-nisa u l-bniet mhumie x grupp omoġenju. Ir-realtà tagħhom tvarja skont ħafna fatturi, bħar-razza, il-kulur, l-orijini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, l-edukazzjoni, l-istatus soċjoekonomiku, ir-reliġjon jew it-twelmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, li flimkien jiddeterminaw l-opportunitajiet u l-isfidi partikolari tagħhom. Għalhekk jeħtieġ li titqies l-intersezzjonalità peress li taffettwa gruppi differenti ta' żgħażaġh b'mod differenti.

¹⁹ Teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

²⁰ Xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika.

29. Dawn il-Konklużjonijiet jibnu fuq ħidma preċedenti u impenji politiċi espressi mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u partijiet ikkonċernati rilevanti f'dan il-qasam, inkluż id-dokumenti elenkati fl-Anness.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom u b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali u b'rispett għar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, biex:

30. Jiżguraw li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd jiġu kkunsidrati u promossi bir-reqqa matul l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.
31. Jiżviluppaw azzjonijiet tal-gvern biex joħolqu miżuri nazzjonali għall-immaniġġar ta' kriżijiet li jkunu komprensivi, parteċipatorji u sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru, li jinvolvu kemm lin-nisa kif ukoll lill-irġiel, inkluż rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u gruppi vulnerabbli.
32. Jippromwovu l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u taż-żgħażaġh meta jagħtu appoġġ lil persuni, b'mod partikolari nisa u bniet, li ġew spostati mill-Ukrajna u minn partijiet oħra tad-dinja u meta jieħdu passi biex terġa' tinkiseb l-istabbiltà f'ħajjithom u jiżguraw l-integrazzjoni sħiħa tagħhom fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà, b'mod partikolari billi:
- jipproteġuhom mill-isfruttament, it-traffikar, l-abbuż sesswali, u l-vjolenza u l-fastidju abbażi tal-ġeneru, u billi jiġu jappoġġaw lill-vittmi tal-vjolenza;
 - jiżguraw aċċess ġust u trattament ġust fir-rigward tal-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim għall-adulti u l-aċċess għall-ECEC u l-edukazzjoni skolastika għat-tfal;
 - jirreaġixxu b'mod flessibbli għaż-żieda fid-domanda għall-faċilitajiet tal-ECEC; u
 - jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem tagħhom rikonoxxuti internazzjonalment.

33. Jagħmlu użu sħiħ mill-fondi tal-UE, bħall-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, biex jippromwovu l-integrazzjoni tal-migranti, skont il-ħtiġijiet identifikati fil-livell nazzjonali u dak reġjonali, u jagħtu attenzjoni speċjali lill-ħtiġijiet tan-nisa u l-bniet.
34. Jiffaċilitaw il-parteeċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari billi jżidu l-involviment tal-irġiel fil-kura u d-disponibbiltà, l-affordabbiltà u l-kwalità tas-servizzi tal-ECEC għat-tfal, u tas-servizzi tal-kura għall-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà, billi jtejbu r-rikonċiljazzjoni tal-kura u tax-xogħol, u billi jinkoraġġixxu l-kondiviżjoni ugwali ta' xogħol ta' kura mhux imħallas bejn in-nisa u l-irġiel.
35. Jippromwovu fehim u sensibilizzazzjoni aħjar tal-ħtieġa ta' distribuzzjoni ugwali bejn in-nisa u l-irġiel ta' kura u xogħol domestiku mhux imħallsa bħala prerekwiżit għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiżviluppaw u jistabbilixxu qafas għall-promozzjoni tal-kondiviżjoni ugwali ta' xogħol imħallas u xogħol ta' kura mingħajr ħlas bejn in-nisa u l-irġiel, inkluż miżuri għar-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata.
36. Jiġġieldu kemm is-segregazzjoni tal-ġeneru orizzontali kif ukoll dik vertikali fis-suq tax-xogħol kif ukoll fl-edukazzjoni u r-riċerka, speċjalment fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.
37. Jissoktaw bl-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi biex tiġi indirizzata s-segregazzjoni orizzontali fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjiegi fil-livelli kollha. B'mod partikolari, jippromwovu b'mod attiv l-aċċess ugwali għan-nisa u l-bniet għall-ICT, u jindirizzaw il-forom kollha ta' distakk bejn il-ġeneri f'dan il-kuntest, inkluż billi jtejbu l-ħiliet diġitali tan-nisa u l-bniet u jappoġġaw lin-nisa li jseguw karrieri fl-ICT, bil-ħsieb li jħeġġuhom jibqgħu fis-settur tal-ICT.

38. Jippromwovu miżuri biex jindirizzaw u jipprevjenu r-riskju akbar ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż il-vjolenza minn sieħeb intimu, u l-vjolenza domestika.
39. Jippromwovu l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u taż-żgħażaġh fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-miżuri adottati biex tiġi indirizzata l-kriżi ekonomika, fis-setturi kollha, u abbażi tad-data eżistenti. Issaħħu l-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali, u l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, kif ukoll l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u d-dinja akkademika, fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' dawn il-miżuri.
40. Jipprovdu appoġġ, inkluż appoġġ finanzjarju, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, peress li dawn intlaqtu ħażin mill-kriżi ekonomika globali, u s-servizzi li jipprovdu qed ikunu f'domanda dejjem akbar bħala riżultat tal-kriżi.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LILL-ISTATI MEMBRI, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali tal-Istati Membri, u b'rispett għar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, biex:

41. Jippromwovu s-solidarjetà interġenerazzjonali u jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-politiki ta' rkupru ta' wara l-pandemija tkun kemm reattiva għall-età kif ukoll reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru. Jagħtu attenzjoni addizzjonali biex jiżguraw li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-aktar gruppi vulnerabbli jitqiesu b'mod sħiħ matul l-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki.
42. Jiżguraw li l-assistenza umanitarja lill-Ukrajna tkun reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru u tindirizza l-ħtiġijiet tan-nisa, l-irġiel, il-bniet u s-subien f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, kif ukoll il-gruppi differenti kollha f'riskju ta' marġinalizzazzjoni, inkluż minoranzi etniċi bħall-komunità Rom, il-persuni LGBTI, l-anzjani, il-persuni b'diżabbiltà u l-minoranzi reliġjużi.

43. Jippromwovu l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjieġ taż-żgħażaġħ, speċjalment tan-nisa, fil-qasam tat-teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali innovattivi.
44. Irawmu djalogu sinifikattiv mal-ġenerazzjoni żagħżuġha u jippromwovu l-parteeipazzjoni bbilanċjata bejn il-ġeneri u attiva taż-żgħażaġħ fit-tfassil tal-politika u fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u dak lokali u fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha tal-Unjoni. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali biex tiżdied il-parteeipazzjoni ugwali u sinifikattiva tal-bniet u n-nisa fit-tfassil tal-politika u fit-teħid tad-deċiżjonijiet.
45. Jippromwovu l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u taż-żgħażaġħ fir-riċerka, fid-deċiżjonijiet u fil-politiki kollha relatati mat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika.
46. Jiġbru u jxerrdu data diżaggregata skont l-età u s-sess, b'mod partikolari data dwar il-faqar enerġetiku u jippromwovu l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki kollha relatati mal-faqar enerġetiku.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

47. Meta tevalwa l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tagħti attenzjoni speċjali lil kif l-oġettivi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd u l-integrazzjoni ta' dawk l-oġettivi tqiesu fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u l-implimentazzjoni tagħhom.

Referenzi

1. L-UE interistituzzjonali

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/social-summit-european-pillar-social-rights-booklet_mt.pdf

2. Leġislazzjoni tal-UE

Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità, (*ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22-26*)

Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol. (*ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16-22.*)

Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn (*ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12-23*)

Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi. (*ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37-43.*)

Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) (*ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23-36.*)

Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE (*ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79–93.*)

Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. (*ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17–75.*)

3. Il-Kunsill

Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 (*ĠU C 456, 18.12.2018, p. 1-22.*)

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi - It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ. (*ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1–9*)

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships. (*ĠU C 88, 27.3.1024, p. 1-4*)

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal. (*ĠU L 223, 14.6.2021, p. 14-23.*)

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika. (*ĠU C 243, 27.6.2022, p. 35-51.*)

Il-Konklużjonijiet kollha tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u suġġetti rilevanti oħra, inkluż speċjalment dawk imsemmija hawn taħt:

- Konklużjonijiet tal-Kunsill: Nimxu lejn swieq tax-xogħol aktar inklużivi (7017/15)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill: Intejbu l-Ħiliet tan-Nisa u l-Irġiel fis-Suq tax-Xogħol tal-UE (6889/17)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Miżuri msaħħa biex tonqos is-segregazzjoni orizzontali tas-sessi fl-edukazzjoni u l-impjiegi (15468/17)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill: Innaqqsu d-Differenza bejn il-Pagi tal-Irġiel u n-Nisa: Politiki u Miżuri Ewlenin (10349/19)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar L-Ekonomija tal-Benesseri (13432/19)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Ekonomiji li Jiffavorixxu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-UE: It-Triq 'il Quddiem: Nieħdu Kont ta' 25 Sena ta' Implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (14938/19)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar L-Indirizzar tad-Differenza bejn il-Ġeneri fil-Pagi: Valutazzjoni u Distribuzzjoni tax-Xogħol Imħallas u x-Xogħol ta' Kura Mingħajr Ħlas (13584/20)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Telexogħol (9747/21)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Impatt Soċjoekonomiku tal-COVID-19 fuq l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri (8884/21)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill: L-Impatt tal-Intelliġenza Artifiċjali fuq l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fis-Suq tax-Xogħol (14750/21)

4. Kunsill Ewropew

Id-Dikjarazzjoni ta' Porto ffirmata mill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern fit-8 ta' Mejju 2021

<https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2021/05/08/the-porto-declaration/>

5. It-Triju ta' Presidenzi

Dikjarazzjoni tat-Triju ta' Presidenzi dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri ffirmata minn Franza, ir-Repubblika Ċeka u l-Iżvezja (Jannar 2022)

6. Il-Kummissjoni Ewropea

L-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (8090/21)

L-Istrateġija Ewropea għall-Kura (COM (2022) 440 final)

Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Rapport ta' rieżami dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (COM (2022) 383 final) Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027 (COM (2020) 758 final)

Rapport tal-2022 dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-UE (7006/1/22 REV 1)

Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025. 6678/20. (Referenza tal-Kummissjoni: COM(2020) 152 final.)

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (6649/21 + ADD 1 + ADD 2)

"Il-faqar enerġetiku fl-UE" (mhux disponibbli bil-Malti)

https://energy.ec.europa.eu/topics/markets-and-consumers/energy-consumer-rights/energy-poverty_en

In-nisa fl-era diġitali, 2018 (mhux disponibbli bil-Malti)

[In-nisa fl-era diġitali - Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE \(europa.eu\)](https://europa.eu)

7. Il-Parlament Ewropew

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-UE tat-tfal u ż-żgħażaġh li qed jaħarbu minħabba l-gwerra fl-Ukrajna (2022/2618(RSP))

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2022 dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażaġh Ewropej: l-impjiegi u l-irkupru soċjali wara l-pandemija (2021/2952(RSP))

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2021 dwar l-aċċess għal akkomodazzjoni deċenti u affordabbli għal kulħadd (2019/2187(INI))

"Gender Perspective on Access to Energy in the EU: Study for the FEMM Committee" (Perspettiva tal-Ġeneru dwar l-Aċċess għall-Energija fl-UE: Studju għall-Kumitat FEMM)

[https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2017/596816/IPOL_STU\(2017\)596816_EN.pdf](https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2017/596816/IPOL_STU(2017)596816_EN.pdf)

"Women, Gender Equality and the Energy Transition in the EU: Study Requested by the FEMM Committee" (In-Nisa, l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u t-Tranzizzjoni tal-Energija fl-UE: Studju Mitlub mill-Kumitat FEMM)

[https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2019/608867/IPOL_STU\(2019\)608867_EN.pdf](https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2019/608867/IPOL_STU(2019)608867_EN.pdf)

8. L-EIGE

"Gender equality and the socio-economic impact of the COVID-19 pandemic" (L-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Konsegwenzi Soċjoekonomiċi tal-kriżi tal-COVID-19) (26 ta' Mejju 2021)

<https://eige.europa.eu/publications/gender-equality-and-socio-economic-impact-covid-19-pandemic>

"Gender and energy" (Il-ġeneru u l-enerġija)

<https://eige.europa.eu/publications/gender-and-energy>

"Young women and men in the aftermath of the COVID-19 pandemic. A policy brief." (Nisa u rġiel żgħażaġh wara l-pandemija tal-COVID-19. Dokument ta' sintesi). (4 ta' Ottubru 2022)

<https://eige.europa.eu/publications/young-women-and-men-aftermath-covid-19-pandemic>

"Poverty, gender and lone parents in the EU" (Il-faqar, il-ġeneru u ġenituri singli fl-UE)

<https://eige.europa.eu/publications/poverty-gender-and-lone-parents-eu>

9. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) dwar l-Ugwaljanza bejn il-ġeneri (SOC/731-EESC-2022)

"Teleworking and gender equality – conditions so that teleworking does not exacerbate the unequal distribution of unpaid care and domestic work between women and men and for it to be an engine for promoting gender equality" (It-telexogħol u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri – kundizzjonijiet sabiex it-telexogħol ma jżidx l-inugwaljanza fit-tqassim ta' xogħol domestiku u ta' kura mhux imħallas bejn in-nisa u l-irġiel u biex ikun mutur għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri). (SOC/662-EESC-2020.)

"Hybrid Conference on Affordable and Decent Housing in the EU" (Konferenza ibrida dwar Akkomodazzjoni Affordabbli u Deċenti fl-UE), 6 ta' Jannar 2022

https://www.eesc.europa.eu/sites/default/files/files/en_conclusions_affordable_and_decent_housing_in_the_eu.pdf

10. Il-Eurofound

Eurofound (2021), "Impact of COVID-19 on young people in the EU" (L-impatt tal-COVID-19 fuq iż-żgħażaġh fl-UE), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

11. Il-Eurostat

"One in five people in the EU at risk of poverty or social exclusion" (Wieħed minn kull ħames persuni fl-UE f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali)

<https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/-/edn-20211015-1>

"Material and social deprivation rate by age and sex" (Ir-rata ta' deprivazzjoni materjali u soċjali skont l-età u s-sess)

https://appsso.eurostat.ec.europa.eu/nui/show.do?dataset=ilc_mdsd07&lang=en

"Rents up by 17 %, house prices by 45 % since 2010" (Il-kirjiet żdiedu b'17 %, il-prezzijiet tad-djar żdiedu bi 45 % mill-2010 'l hawn)

<https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/-/ddn-20220708-1>

"Living conditions in Europe - poverty and social exclusion" (Il-kundizzjonijiet tal-ġhajxien fl-Ewropa - il-faqar u l-esklużjoni soċjali)

https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Living_conditions_in_Europe_-_poverty_and_social_exclusion#Key_findings

12. Il-Bank Dinji

"Global Growth to Slow through 2023, Adding to Risk of 'Hard Landing' in Developing Economies" (It-Tkabir Globali ser isir aktar Kajman matul l-2023, Żieda mar-Riskju ta' "Atterraġġ Brutali" f'Ekonomiji li qed Jiżviluppaw" (Stqarrija għall-Istampa Nru 2022/038/EFI)

13. In-Nazzjonijiet Uniti

"Operational Data Portal / Ukraine Refugee Situation" (Portal tad-Data Operazzjonali / Sitwazzjoni tar-Refuġjati tal-Ukrajna)

<https://data.unhcr.org/en/situations/ukraine>

UNHCR / Ukraine: Internally Displaced Persons (IDP) (UNHCR / l-Ukrajna: Persuni Spostati f'Pajjiżhom (IDP))

<https://www.unhcr.org/ua/en/internally-displaced-persons>

"UNHCR / Ukraine Emergency" (Emerġenza tal-UNHCR / Ukrajna)

<https://www.unrefugees.org/emergencies/ukraine/>

14. Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol

"Global Employment Trends for Youth 2022: Europe and Central Asia" (Xejriet Globali tal-Impjiegh għaż-Żgħażaġħ 2022: l-Ewropa u l-Asja Ċentrali)

https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_emp/documents/briefingnote/wcms_853326.pdf